MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 179/2006

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-hmistax (15) ta’ Awissu tas-sena elf disa’ mija sebgha u disghin (1997) fir-Registru Pubbliku, Valletta (Dok A) u z-zwieg taghhom kien iregistrat bin-numru: wiehed tnejn tnejn sitta tas-sena elf disa’ mija sebgha u disghin (1226/1997);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dottor Mario Rosario Bonello fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004);

4. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tas-sena 1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fil-hmistax (15) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) hawn fuq imsemmi, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f' dan ir-rigward.

2. Tordna li n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat li jibqa' ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fir-Registru Pubbliku fil-15 ta’ Awissu 1997 minn dan iz-zwieg il-partijiet m’ ghandhomx tfal;

2. Illi huwa jaqbel li z-zwieg bejnu u l-mara tieghu jigi dikjarat null;

3. Illi l-kunsens tar-rikorrenti kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

4. Illi l-kunsens tar-rikorrenti kien vizzjat minhabba eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-15 ta’ Awissu 1997 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f], u dak tal-intimat kien vizzjat fit-termini tal-paragraf [d], ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi minn naha tieghu l-konvenut eccepixxa li, filwaqt li hu jaqbel mal-pretensjoni attrici dwar in-nullita’ taz-zwieg, jimputa dan il-fatt lill-istess attrici fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] fuq citati.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li fil-15 ta' Awissu 1997 l-attrici, ta' nazzjonalita' Maltija, izzewwget lill-konvenut, ta' nazzjonalita' Tunezina, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa 8 xhur. Jidher li z-zwieg sar daqshekk malajr peress li l-konvenut kellu problema dwar il-permess tas-soggjorn tieghu f' Malta. Di fatti meta l-partijiet izzewwgu ma marrux joqghodu flimkien mill-ewwel. Fil-mori tal-hajja konjugali nqalghu kwistjonijiet li eventwalment ipprecipitaw fis-separazzjoni de facto tal-partijiet. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, u l-attrici tasserixxi kategorikament li hija dahhlet f' dan iz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva li l-koppja jkollhom it-tfal. Hija tghid li dahhlet f' dan iz-zwieg minhabba sitwazzjoni familjari fid-dar tal-genituri taghha.

Il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-partijiet imputaw lil xulxin certu fatti li gew reciprokament michuda, jirrizulta car u ammess mill-istess attrici li hija dahlet f' dan iz-zwieg bil-hsieb li ma jkollhiex tfal mill-konvenut. Dan il-fatt wahdu jwassal ghan-nullita' taz-ziweg fit-termini tal- paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat; u dan stante li rrizulta manifestament li, ghalkemm l-attrici esternament u unikament ghal konvenjenza taghha ghaddiet minn ceremonja ta' zwieg, hija, internament u b' att posittiv tal-volonta' taghha, eskludiet obbligazzjoni essenzjali matrimonjali – dik tal-prokreazzjoni u trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fil-15 ta' Awissu 1997. L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------